**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 352/2021 LC

**Joseph Bianco (K.I. 296058M)**
**John Bianco (K.I. 157360M)**
**Maria Grazia Bianco sive Grace (K.I. 417261M)**
**Raymond Bianco (K.I. 65067M)**
**Colin Bianco (K.I. 497564M)**

**vs**

**Joseph Grech (K.I. 423567M)**
**Ms Lorraine Vella (K.I. 223772M)**
**Izaac Grech (K.I. 75900L)**

Illum, 13 ta' Novembru 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Joseph Bianco et, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jiddikjara li, għar-raġunijiet dettaljati mogħtija f'dan ir-rikors, in partikolari għaliex a bażi tal-ftehim tal-kera u anke tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta; Malta, is-sidien għandhom dritt ma jġeddux il-kirja meta din tiskadi, ġialadarba l-atturi imxew mal-liġi u nnotifikaw lill-inkwilini qabel iż-żmien konċess mil-liġi b'Ittra Ġudizzjarja tinformhom li l-kirja ma hix ser tiġġedded, liema ittra l-inkwilini m'għandhomx dritt jibqgħu jabitaw fil-fond

mertu tal-kawża għaliex ġialadarba l-kirja tagħhom ma ġietx imġedda, l-konvenuti qed jokkupaw il-fond mertu tal-kawża mingħajr titolu validu fil-liġi.

2. Tiddikjara li in vista li l-konvenut Izaac Grech ma hux parti mill-ftehim ta' kera, u in vista tal-ewwel talba, l-imsemmi Izaac Grech ma jistax jibqa' jabita fil-fond mertu tal-kawża.

3. Jawtorizza t-terminazzjoni tal-kirja li oriġinarjament ġiet konċessa mill-ante kawża tal-atturi favur il-konvenuti f'li permezz tagħha l-imsemmija konvenuti baqgħu jidittjenu fil-fond numru 90, Triq l-Arkata, Paola, Malta u dan sabiex l-atturi jkunu jistgħu jirriprendu l-pussess tal-fond imsemmi liberu u battal.

4. Tikkundanna lil konvenuti jħallsu d-danni jekk fil-kors tal-kawża u fuq rapport ta' perit tal-Bord, jirriżulta li saru ħsarat volontarji mill-inkwilini u/jew minħabba nuqqas ta' manutenzjoni ordinarja minnhom matul is-snin tal-kirja tagħhom l-fond sofra ħsarat ta' natura straordinarja.

5. Tipprefiġġi terminu qasir u perentorju biex il-konvenuti jivvakaw il-fond mertu tal-kawża u fl-eventwali li dan ma jsirx tordna l-iżgumbrament tagħhom mill-fond "de quo".

B-ispejjeż tal-proċeduri quddiem dan il-Bord, kompriża dawk tal-ittraufficjali.

Ra r-risposta tal-intimati Joseph Grech et tal-4 ta' Ottubru 2021, fejn eċċepew li:

1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda kif se jirriżulta waqt is-smiegħ tar-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi;

2. Illi l-esponenti dejjem osservaw b'mod skrupluż il-kundizzjonijiet kollha tal-kirja u għalhekk ma hemmx raġuni 'l għaliex it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġi milqugħa;

3. Illi l-esponenti u jew uħud minnhom jgħix b'mod regolari fl-imsemmi fond mertu tal-kawża u għalhekk mhux minnu dak li qed jiġi allegat li l-post ma huwiex użat;

4. Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi;

5. Bl-ispejjeż

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi mill-Att ta' Dikkjarazzjoni Causa mortis ippubblikat minn nutar Dr Amanda Grech fil-11 ta' Novembru 2020[1] jirriżulta illi r-rikorrenti huma lkoll sidien indiviżament bejniethom tal-fond *de quo* u dan in segwitu għal mewt taz-zija paterna tagħhom[2] Francesca Bianco li mietet fl-1 ta' Marzu 2020. L-imsemmija Francesca Bianco kienet il-propjetarja ta' dan il-fond *de quo* u kif jirriżulta mill-Att ta' Diviżjoni u Transazzjoni ppubblikat minn Nutar Dr John Spiteri Maempel fl-4 ta' Novembru 1964.

[1] Ara Dok J a fol. 100 tal-atti proċesswali.
[2] Ara l-Affidavit ta' Joseph Bianco eżebit a fol. 29 tal-atti proċesswali.

Illi jirriżulta li fid-9 ta' Novembru 2001, l-intimati Joseph Grech u Loraine Vella ffirmaw skrittura mad-*dante causa* tar-rikorrenti, ossija l-imsemmija Francesca Bianco, fejn fiha qed jiddikjaraw li huma qed jikru mingħandha l-fond mertu ta' din il-kawża għall-kera ta' €256.23 (ossija LM110) fis-sena. Huma jiddikjaraw li qed jaċċettaw il-kondizzjonijiet marbuta mal-kirja, li, fil-qosor, huma (i) il-kera tiġi riveduta kull 10 snin, (ii) li l-fond qed jinkera *tale quale*, (iii) ma jistgħux jagħmlu tibdil strutturali; (iv) il-fond ma jistax jiġi sullokat lil terzi mingħajr il-kunsens tas-sid; (v) ma jistax isiru użu ieħor mill-fond ħlief għal residenza privata; (vi) ħadd ma jista' jkeċċihom sakemm il-kera titħallas regolari.

Illi mid-deposizzjoni tal-intimat Joseph Grech, mogħtija waqt fis-seduta tal-15 ta' Novembru, 2021, jirriżulta illi malli iffirmaw id-dikjarazzjoni, huma mal-ewwel daħlu hemmhekk".[3]

Illi permezz ta l-Ittra Uffiċjali datata l-31 ta' Lulju 2020,[4] ir-rikorrenti informaw lill-intimati li ma kienux ser iġeddu l-kera aktar u kkonċedewlhom sat-8 ta' Novembru 2020 sabiex jivvakaw il-fond. Illi l-intimat Joseph Grech ġie notifikat b'din l-ittra fis-06 ta' Awwissu 2020 filwaqt li l-intimata Lorraine Vella ġiet notifikata biha fil-15 ta' Ottubru 2020.

Illi nonostante din l-interpellazzjoni ġudizzjarja, jidher li l-intimati Lorraine Vella u Izaac Grech, baqgħu jirrisjedu f'dan il-fond.

Illi permezz ta' nota datata it-23 ta' April 2023, l-intimat Joseph Grech iddikjara illi m'għadx għandu interess fil-kirja de quo u li ilu żmien li vvaka minn dan il-fond.

Ikkonsidra;

---

[3] Deposizzjoni a fol. 27 tal-atti proċesswali.
[4] Ara fol. 75 tal-atti proċesswali.

Illi fl-affidavits tagħhom, Joseph Bianco[5] u Maria Grazia Bianco[6] jiddeskrivu okkażjoni fejn huma, flimkien mal-Perit Karm Farrugia marru fil-fond sabiex jaraw il-kondizzjoni tiegħu. Qalu li waqt li kienu hemm, l-intimat Izaac Grech qalilhom li l-fond huwa tiegħu u li ma jistgħux ikeċċuħ minnu.

Ikkonsidra;

Illi fl-ewwel lok, jingħad mal-ewwel illi l-kirja *de quo* m'hijiex waħda protetta ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex jirriżulta ampju li saret wara l-1 ta' Ġunju 1995.

Illi stabbilit dan, il-Bord jeħtieġ jinvesti, qabel ma jipproċedi ulterjorment biex jiġi stabbilit il-perjodu li għaliħ kienet intiża din il-kirja. Illi l-Bord jinnota li d-dikjarazzjoni datata 9 ta' Novembru 2001 ma tistipola ebda żmien, la definit u lanqas indefinit għal din il-kirja.

Illi min-naħa l-oħra, id-dikjarazzjoni li għamel Izaac Grech lir-rikorrenti Joseph Bianco u Maria Grazia Bianco, ossija li ma jistgħux ikeċċuħ, donnha għandha l-bażi tagħha fuq is-sitt klawsola tad-dikjarazzjoni ffirmata fejn jingħad testwalment: "*Li ħadd ma jista jkeċċina i.e. lili – Mr Joseph Grech u Loraine Vella mid-dar sakemm il-kera tkun qed titħallas regolari.*"

Għalkemm, *a colpo d'occhio*, jidher li din id-dikjarazzjoni tista' tiġi interpretata bħala kirja indefinita, fil-fehma tal-Bord din id-dikjarazzjoni ma tfisser xejn għajr li ħadd ma jista' jkeċċihom kemm-il darba huma jagħżlu li jibqgħu fil-kera. Fi kliem ieħor, l-intimati ddikjaraw, u d-*dante causa* tar-rikorrenti aċċettat, illi huma jistgħu jibqgħu fil-fond sakemm iridu, però tul din il-permanenza ħadd ma

[5] A fol. 29 tal-atti proċesswali.
[6] A fol. 34 tal-atti proċesswali.

jista' jkeċċihom. Fil-fehma tal-Bord, din it-tip ta' dikjarazzjoni m'hijiex konsonanti mal-Artikolu 1526(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li l-kiri tal-ħaġa għandu jkollu żmien miftiehem. Kulma qiegħed jiġi miftiehem huwa biss li sakemm l-intimati idumu fil-fond *de quo¸* ħadd ma jista' jkeċċihom.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Iris Scott vs Alfred Borg:**[7]

> *"Il-qofol ta' dawn id-disposizzjonijiet hu illi l-kiri ta' haga kellu necessarjament ikun ghal zmien miftiehem u b'kera miftiehem. Dan bilfors u necessarjament ifisser illi z-zmien tal-kiri kellu jkun wiehed determinat bi ftehim u jekk ma jigix hekk determinat kien bilfors ex lege determinabbli bil-mod definit fil-ligi u cioe' fl-artikolu 1532 appena citat. Ma setax ikun kontemplat kuntratt ta' kiri ghal zmien indefinit. Fejn ikun hemm indefinit ghax il-partijiet ma jipprovdux x'kellu jkun iz-zmien specifikat tal-kirja, kienet awtomatikament tissupplixxi l-ligi billi tiddetermina z-zmien skond il-hlas tal-kera dovut jew skond l-uzu."*

Illi b'hekk, stabbilit li l-partijiet ma stipulawx żmien għall-konċessjoni lokatizzja, il-kirja odjerna hija regolata bl-Artikolu 1532 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li fejn ma jkunx hemm ftehim espress jew ċirkostanzi li jistgħu juru x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet dwar iż-żmien tal-kiri, iż-żmien li għaliħ jitqies li tkun saret il-kirja ta' fond urban huwa ta' dak taż-żmien li għaliħ titħallas il-kera. F'dan il-każ, il-kera għandha titħallas kull sena bil-quddiem, b'hekk iż-żmien lokatizzju huwa dak ta' sena li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1536 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kien qed jiġġedded sena b'sena taċitament bejn il-partijiet.

---

[7] **Iris Scott vs Alfred Borg**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 14 ta' Jannar 2002, (Appell Nru 2091/97 MM)

Illi permezz tal-ittra uffiċjali datata l-31 ta' Lulju 2020, min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti informaw lill-intimati li ma kienux ser iġeddulhom aktar il-kirja u li kellhom jivvakaw sat-8 ta' Novembru 2020, ossija lejliet l-anniversarju tat-tiġdid tal-kera.

Illi fil-fehma tal-Bord, din l-ittra uffiċjali għandha l-elementi kollha meħtieġa stipulati fl-Artikoli 1537 u 1568 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija saret ferm aktar kmieni minn xahar qabel id-data tat-08 ta' Novembru 2020 u hija ċara u inekwivoka. B'hekk, din l-ittra għandha titqies bħala *congedo* ai termini tal-liġi u b'hekk il-konċessjoni lokatizza ġiet terminata fit-8 ta' Novembru 2020.

Illi b'hekk, jirriżulta ampju li l-kera *de quo* ġiet terminata fit-08 ta' Novembru 2020 u ma reġgħetx ġiet imġedda taċitament fil-konfront tal-intimati u li kwalunkwe okkupazzjoni tagħhom tal-fond hija mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Ikkonsidra;

Illi fit-tieni talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu lil dan il-Bord jiddikjara illi Izaac Grech ma jistax jibqa' jirrisjedi f'dan il-fond.

Illi d-dikjarazzjoni ta' kera hi ffirmata bejn l-intimati u d-dante causa tar-rikorrenti. L-intimat Izaac Grech ma jirrafigura imkien fiha u mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali jirriżulta illi llum-il ġurnata huwa għandu 'l fuq minn tmintax-il sena. Jirriżulta wkoll li f'Ottubru 2021 huwa kien reġistrat fuq indirizz kompletament differenti mill-fond *de quo*. B'hekk, abbażi tal-prinċipju ta' *res inter alios acta*, Izaac Grech m'huwiex kolpit bil-lokazzjoni odjerna u għaldaqstant m'għandu ebda titolu fuq dan il-fond.

Ikkonsidra;

Illi fir-raba' talba tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu lil dan il-Bord sabiex jikkundanna lill-konvenuti jħallsu d-danni li saru fil-fond *de quo*. Illi għalkemm mill-affidavit ta' Joseph Bianco jirriżulta li, skont hu, l-fond kien sofra xi alterazzjonijiet strutturali, ma tressqet ebda prova tagħhom jew tad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti. B'hekk din ir-raba' talba ma tistax tiġi akkolta.

Ikkonsidra;

Illi permezz tan-nota tiegħu, Joseph Grech iddikjara illi huwa vvaka minn dan il-fond u li m'għadx fadallu ebda interess f'din il-kawża. Għalkemm huwa baqa' formalment f'dawn il-proċeduri, il-Bord iqis li m'għandu jakkolla ebda spejjeż tal-preżenti lill-istess intimat.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond *de quo* ma tistax tibqa' tiġġedded u l-intimati ma għandhomx dritt li jibqgħu jabitaw fil-fond de quo u konsegwentement l-intimati, jew min minnhom, qed jokkupaw il-fond mertu dawn il-proċeduri mingħajr titolu validu fil-liġi.

2. Jilqa' it-tieni talba, u jiddikjara illi Izaac Grech ma jistax jibqa' jabita fil-fond mertu tal-kawża.

3. Jilqa' in parte it-tielet talba u jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond numru 90, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid liberu u battal.

4. Jiċħad ir-raba' talba.

5. Jilqa' l-ħames talba u jipprefiġġi terminu ta' xahrejn mil-lum sabiex lill-intimati, jew min minnhom, jivvakaw mill-fond numru 90, Triq l-Arkata, Raħal Ġdid, u konsegwentement, jordna lill-intimati sabiex fl-istess terminu jiżgombraw mill-fond imsemmi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali numru 2298/2020 ikunu a karigu esklussiv tal-intimati Lorraine Vella u Izaac Grech.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**